# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar is-6 ta' Gunju 2022**

**Rikors Numru : 385/2021 JPG**

**Kawza Numru : 28**

**MC**

**Vs**

**LV**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta` MC datat 31 ta' Awwissu 2021 a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-partijiet izzewwgu nhar is-sitta u ghoxrin (26) ta' Ottubru tas-sena elf disa' mija u sitta u disghin (1996) fil-Knisja Parrokjali ta' Hal Tarxien, kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok A.*

2. *Illi minn dan iz-zwieg twieldet il-bint SV nhar X u dan kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid tal-bint hawn anness u mmarkat Dok B.*

3. *Illi l-partijiet huma legalment separati b'kuntratt ta' separazzjoni konsenswali redatt minn Nutar Dottor Liza Schembri data il-hdax (11) t'April tas-sena elfejn u dsatax (2019); vera kopja tal-kuntratt ta' separazzjoni hawn anness u mmarkata bhala Dok C.*

4. *Illi ma hemm l-ebda kwistjonijiet rigwardanti manteniment kemm fir-rigward ta' bint il-partijiet, kif ukoll bejn il-kontendenti fil-konfront ta' manteniment pagabbli*

*lil xulxin.*

5. *Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante illi minbarra illi ilhom legalment separati mis-sena elfejn u dsatax (2019), il-partijiet illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin.*

6. *Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kondizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

7. *Illi l-esponenti tannetti affidavit taghha, ma dan ir-rikors, mmarkat Dok D;*

*Ghaldaqstant l-esponenti titlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

A. *Tippronunzja l-hall taz-zwieg ta' bejn il-partijiet ai termini tal-Artikolu 66A et sequitur tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta u*
B. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registu Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat illi l-intimat debitament notifikat naqas milli jippresenta risposta kif ukoll naqas milli jidher ghas-seduta mhejjija, ghaldaqstant huwa kontumaci (Vide fol 17);

Rat il-fakolta moghtija lill-intimat sabiex jippresenta is-sottomissjonijiet tieghu, izda dan baqa' inadempjenti (vide fol 17);

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**MC xehdet** (vide affidavit fol 10) illi l-partijiet zzewgu nhar is-26 ta' Ottubru 1996 u li minn dan iz-zwieg twieldet tifla, illum maggorenni. Sostniet illi filfatt dan iz-zwieg ma rnexxiex u l-partijiet sseparaw permezz ta' kuntratt datat 11 t'April 2019 fl-atti tan-Nutar Dr Liza Schembri. Iddikjarat illi ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni. Di piu' ikkonfermat illi ma hemm ebda manteniment dovut bejniethom.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieġ illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***
>
> ***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***
>
> ***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati***

***b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar is-26 ta' Ottubru 1996 liema zwieg jgib certifikat numru 1975/1996 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 3). Minn dan iz-zwieg twieldet tifla, illum maggorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali fl-atti tan-Nutar Dr Liza Schembri nhar il-11 t'April 2019 (vide kuntratt ta' separazzjoni fol 5 et seqq). Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Din il-Qorti taghraf illi ma ghandha tqanqal ebda eccezzjoni ex-officio fid-dawl tal-kontumacja

tal-intimat;

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 1975/1996 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**